**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 28 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 12**

**Avviz Nru: 722/01 AE**

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Magri u l-istess Carmel Magri**

**vs**

**Pierre Tanti.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tas-somma ta' hames mija u sebgha u tmenin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm587.21) [in kwantu ghas-

somma ta’ Lm516.21 lil Elmo Insurance Agency Limited nomine u Lm71 lil Carmel Magri], danni sofferti f’incident tat-traffiku li sehh fis-27 ta’ Novembru 2000 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura numru KAO 682 habat mal-vettura bin-numru RMJ 369 propjeta ta’ l-attur Carmel Magri u misjuqa minn Jean Toine Magri – ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut (fol. 7) u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet:

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Illi fis-27 ta’ Novembru 2000 sehh incident tat-traffiku gewwa Santa Venera bejn il-vettura Ford Escort bin-numru KAO 682 (misjuqa mill-konvenut) u l-vettura Hyundai Lantra bin-numru RMJ 369 (misjuqa minn Jean Toine Magri).

2. Mill-provi rrizulta li:

(a) Il-vettura misjuqa minn Jean Toine Magri kienet ghaddejja minn Triq il-Kanun, Santa Venera li hija triq principali.

(b) Il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet hierga minn Triq Joseph Abela Scolaro, li hija triq sekondarja, ghal gewwa Triq il-Kanun.

(c) Fuq ix-xellug tas-sewwieq tal-vettura Hyundai Lantra kien hemm vetturi pparkjati, u faccata Triq Joseph Abela Scolaro kien hemm trukk wieqaf (*double parking*).

(d) Is-sewwieq tal-vettura Hyundai Lantra qabez dan it-trukk u sabiex ghamel din il-manuvra *"kelli mmur fuq in-naha l-ohra tat-triq, kif ghamlu l-karrozzi ta' qabli"* (xhieda moghtija fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2002). L-incident sehh meta l-Hyundai Lantra kienet ghaddejja minn hdejn dan it-trukk.

(e) Il-hsara fil-vettura Hyundai Lantra kienet fuq quddiem, il-bieb u l-mudguard tan-naha tas-sewwieq. Filwaqt li l-hsara fil-vettura misjuqa mill-konvenut kienet fuq quddiem (ara rapport imhejji minn PS1212 Carmel Zerafa).

(f) Skizz ma sarx mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, peress li l-vettura Hyundai Lantra tnehhiet minn postha minhabba t-traffiku. Skond PS1212 Carmel Zerafa, *"il-vettura li kien isuq Pierre Tanti kienet ghadha fil-post fejn grat il-habta, jigifieri kienet qabzet l-Istop Sign kollha circa xi metru"*. Il-pulizija kompla jispjega li: ***"il-vettura misjuqa minn Tanti jiena sibtha angolata – kienet ghadha ma haditx il-posizzjoni taghha fi Triq il-Kanun"***.

3. Huwa maghruf li min ikun hiereg minn triq sekondarja ghandu l-obbligu li jzomm a *proper look out* u jhares fuq iz-zewg nahat qabel ma jisporgi ghal fuq Triq l-Istefanotis. Inoltre, *stop sign* hija ordni perentorja lid-driver tal-vettura sabiex minn warajha jesplora t-traffiku li jkun hemm fuq l-arterja principali w ma jazzardax jirfes fuqha qabel ikun ghal kollox cert li seta' jidhol fil-*major road*. L-obbligu tal-konvenut kien li jara li jista' johrog bla hsara u fil-fatt il-fatti juru l-oppost. Mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi haga li seta' jostakola l-vizwali tal-konvenut mid-direzzjoni li kien gej minnha s-sewwieq tal-vettura Hyundai Lantra. Dan gie wkoll ikkonfermat mill-konvenut fix-xhieda li ta fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2002.

4. Min-naha l-ohra, *"Il-fatt li driver ikun isuq, minflok fuq ix-xellug tat-triq kif iridu r-regolamenti, fuq il-crown of the*

*road ma hux deciziv ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni dwar liema driver huwa htija ta' kollizzjoni li tigri.... Imma jekk il-provi juru li l-kawza prossima tal-kollizzjoni kienet unikament in-negligenza tas-side road user li bl-eghmil tieghu rrenda l-kollizzjoni inevitabbli, il-main road user ma ghandu ebda tort fil-kollizzjoni avolja hu kien isuq il-karrozza fuq il-crown of the road minflok fuq ix-xellug taghha kif jippreskrivu r-regolamenti"* (**Il-Pulizija vs Anthony Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Settembru 1953 - Vol. XXXVII.iv.1137). F'din l-istess sentenza nghad ukoll li *"id-driver li jkun diehel minn side road ghal fuq main road ghandu certi doveri x'josserva fosthom dak li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road u **jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha**, u dak li jimxi dead slow u sahansitra jwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara"*.

5. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut naqas minn dan l-obbligu li jesplora tajjeb it-triq principali qabel ma hareg mit-triq sekondarja. Il-Highway Code tipprovdi: *"On turning at a **<u>junction look right, then left, then right again</u>**. Do not go until you are sure that it is safe to do so. Do not rely on signals to go ahead given by unauthorised persons"*. Fis-sentenza fl-ismijiet **Louis Glanville vs John Degiorgio** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 1989 inghad: *"**<u>The driver approaching a Stop Sign must look and listen in both directions</u>** in order to apprehend fully what vehicles are*

*approaching, how far they are away, at wha speed they appear to be progressing and then, only if quite satisfied that it is safe for him to enter the intersection, may he proceed further".* Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Cecil Ellul vs Joseph Muscat** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999 inghad: *"Ghandu jkun ghalhekk cjar li jekk jigi accettat, kif qed taccetta din il-Qorti, li l-konvenut appellat kien 'a minor road user', dan kien obbligat li josserva bi precizjoni r-regolamenti li kienu jimponu fuqu fl-obbligu li jghati d-dritta lit-traffiku fuq it-triq principali mnejn kien qed isuq l-attur appellant. Dawn jinkludu: (a) li jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkrocju bil-hsieb li jaccerta ruhu li bil-fatt biss li jkun ser jirfes fuq it-triq principali ma kienx sejjer ifixkel it-traffiku fuq dik it-triq; (b)* ***<u>li jaccerta ruhu li jkollu vizwali cara fiz-zewg direzzjonijiet ta' dik it-triq</u>*** *biex ikun jista' jassigura ruhu li ma kienx hemm traffiku fuqha, jew almenu, jekk kien hemm traffiku, kien tant il-boghod li l-hrug tieghu fuqha ma kien bl-ebda mod se jfixkel lil dak it-traffiku; (c) li ccaqlaq ghal fuq il-karreggjata bil-mod il-mod 'inching out' u jekk mehtieg, jieqaf ghal kollox biex jesplora dik it-triq u biex jistenna lit-traffiku jghaddi".* Mill-provi rrizulta li qabel ma hareg mit-triq sekondarja, il-konvenut ra t-trukk wieqaf fi Triq il-Kanun u ra vetturi gejjin minn fuq ix-xellug tieghu li kienu qeghdin jaqbzu dan it-trukk. Dawn il-fatturi jeskludu li l-agir tas-sewwieq Hyundai Lantra seta' b'xi mod issorprenda lill-konvenut. F'dawn ic-cirkostanzi l-konvenut ma kellux jesporgi ghal fuq Triq il-Kanun qabel ma jaccerta ruhu li ma kienx ser jostakola traffiku li kien diga'

jinsab fit-triq principali. Hija flokha l-osservazzjoni li saret mill-avukat difensur ta' l-atturi li l-konvenut kellu obbligu li jistenna u johrog biss meta kien cert li seta' jibda u jaghmel il-manuvra li biha johrog ghal fuq it-triq principali.

6. It-Tribunal huwa tal-fehma li mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident peress li l-manuvra azzardata li ghamel kienet il-kawza prossima u mmedjata ghall-incident. Waqt li hu minnu illi fil-mument tal-habta is-sewwieq tal-Hyundai Lantra kien qieghed isuq fuq in-naha l-ohra tat-triq, ic-cirkostanzi partikolari kienu jimponu fuqu dan il-fatt. It-Tribunal ma jistax jaqbel mat-tezi tal-konvenut li kien is-sewwieq tal-Hyundai Lantra li ssorprendih u li kkagunalu emergenza subitaneja li ma setax jevita. Il-konvenut stess ikkonferma li kien hemm karrozzi ohra gejjin mid-direzzjoni tal-Hyundai Lantra li ghaddew it-trukk u li l-vizwali tieghu fuq in-naha tax-xellug ma kienet bl-ebda mod ostakolata. Inoltre, il-fatt li fil-hin ta' l-incident il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet qabzet is-sinjal b'xi metru, m'hijiex rilevanti peress li din id-distanza hija perkoribbli f'tebqa ta' ghajn. Dan apparti l-fatt li meta sehh l-incident il-vettura Ford kienet ghada angolata u ma haditx il-posizzjoni taghha fi Triq il-Kanun.

7. Fir-rigward tad-danni reklamati dawn gew sodisfacentement provati (ara fol. 14 sa 21 u xhieda moghtija minn Joseph Mula fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2001 - fol. 22).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, qieghed jilqa’ t-talba tal-atturi u filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh gewwa Santa Venera fis-27 ta’ Novembru 2000, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta’ hames mija u sebgha u tmenin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm587.21) [in kwantu ghas-somma ta’ Lm516.21 lil Elmo Insurance Agency Limited nomine u Lm71 lil Carmel Magri], u bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali tal-14 ta’ Mejju 2001 u fin-nuqqas mid-data tan-notifika lill-konvenut ta’ l-avviz ta’ smiegh.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kollha jithallsu mill-konvenut.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.